**Minuti tad-9 Laqgħa tat-tieni Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ħamis 23 t' April 2015 fil-5:30 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u spiċċat fil-6.20 P.M.**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Kerstin qal li fejn hemm Triq San Vincenz u dawk tal-madwar hemm bżonn li jsiru tlett mirja differenti peress li hemm sharp bends.

3.2 Raymond qal li hemm bżonn li ssir mera fi Triq Wied in-Noqor fejn hemm l-aħħar blokka peress li hemm dawra kerha wkoll.

3.3 Kerstin qal li fi Triq Ħal Farruġ fejn mhux suppost jipparkjaw qed ikun hemm vetturi li jagħmlu double parking u għalhekk ikunu ta periklu.

3.4 Raymond qal li fuq iż-żona tal-Family Park li għadha ma żvillupatx hemm bżonn li naraw x jista jsir. Huwa issuġġerixxa li f' dil-parti jeħtieġ li jsiru bandli għat tfal żgħar. Huwa qal ukoll li tista ssir outdoor gym ukoll.

3.5 Joe Borg qal li jekk jiżdied aktar bandli se jkun hemm problema fejn jista jitpoġġa dan il-bandli.

3.6 Raymond qal li fil-preżent hemm ukoll anki problema li m' hemmx lattrina peress li dawk li jagħmlu użu mill-Bandli ma jsibux fejn jistgħu jaqdu l-bżonnijiet tagħhom.

3.7 Raymond issuġġerrixxa li hemm żona viċin Santa Marija li bħalissa mhux qed tintuża u naraw nistgħux napplikkaw għall fondi Ewropej biex nużawhom hemhekk.

3.8 Il-membri preżenti qablu li ssir laqgħa mas-Sindku biex ikunu jistgħu iressqulu l-proposti tagħhom.

3.9 Kerstin qal li hemm bżonn li tkun implimentata iz-zebra cross fi Triq Ħal Farruġ.

3.10 Raymond qal li fil-parti tat-tarf ta Triq il-Vitorja hemm bżonn li ssir sleeping policeman peress li qed ikun hemm sewqan perikoluż.

## 3 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 23 t' April 2015 fis-6.20 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-14 ta' Mejju issuġġerritta għal laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| Raymond Saliba | Michael Portelli |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |